# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

# MINUTI

## SEDUTA NRU 241 – Il-Hamis 12 ta' Jannar 2012

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju temporanju tiegħu, Ċentru Azzjoni Kattolika, Triq il-Parroċċa, is-Siġġiewi, fis-6:00p.m. Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci ippresieda.

### PREŻENTI

Is-Sindku l-Perit Robert Musumeci
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsilliera s-Sinjura Rita Psaila
IL-Kunsillier Joe Sammut
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENTI SKUŻAT

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva komunikat mingħand il-Kunsillier Dr Mark A. Vassallo li jgħid li kien għadu jinsab indispost u ma setax ikun preżenti.

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta numru 240 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 2. PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI NRU 240

**2.1** ***Law Enforcement System***

Il-Viċi-Sindku qal li hu kien bagħat il-kwestjunarju kif mitlub minnu u li dan kien se jkun diskuss fil-Kunsill Reġjonali nhar it-Tlieta 17 ta' Jannar 2012.

**2.2 Bollard fi Triq Manwel Bonnici**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li kien kiteb lil Transport Malta bit-talba biex it-triq issir one way min-naħa ta' Triq Tabrija, u jsiru bollards fejn tidjieq it-triq, TM wieġbu hekk: *"Kindly be informed that, from your email, this issue seems to be an enforcement matter which falls under the responsibility of the police and/or local wardens. It is recommended that the council liaises with these two entities so that the necessary enforcement steps may be taken in respect of defaulting heavy vehicle drivers."*

Billi l-Kunsilliera Rita Psaila insistiet li l-ittra li intbagħtet lir-residenti setgħet ma ġietx mifhuma sew, is-Segretarju se jerġa' jibgħat ittra lir-residenti u lil Transport Malta biex il-kas jerġa' jiġi kkunsidrat.

**2.3 *Bus shelter* fil-pjazza**

Wara li din il-materja reġgħet ġiet diskussa, sar qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa' on site mal-Perit biex issir diskussjoni dwar kif għandha tinbidel il-bankina ħalli tkun tista' ssir l-applikazzjoni ma' Transport Malta għall-*bus shelter.*

**2.4 Fanali Dekorattivi**

Il-Viċi-Sindku qal li billi n-numru ta' fanali li jonqos huwa minimu, huwa issekonda li minflok li ssir applikazzjoni mal-*Urban Investment Fund* dawn għandhom jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti, barra dawk relatati mal-Kumitat Konġunt jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Jesmomd Tanti issekonda. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

Is-Sindku ressaq għall-vot il-ħlasijiet relatati mal-Kumitat Konġunt. L-eżitu kien:
Voti Favur: 5
Voti Kontra: 0
Il-Viċi-Sindku Dr Karol Aquilina astjena.

**3.2 Performance Bonus tal-impjegati**

Is-Sindku ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-*performance bonus* għal massimu li tippermetti l-liġi. Huwa ippropona wkoll li l-impjegati, jiġifieri Ms Ritienne Giorgino, Ms Maria Muscat u Ms Agnese Borg jingħataw ukoll il-*performance bonus* għal massimu li tippermetti l-liġi.

Il-Viċi-Sindku issekonda bil-Kunsill jaqbel b'mod unanimu.

# 4. KORRISPONDENZA

## 4.1 Skema ta' Finanzjament għal restawr ta' postijiet storiċi żgħar

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din l-iskema hija intiża biex postijiet storiċi żgħar jiġu restawrati mill-Kunsill Lokali. Il-Viċi-Sindku ippropona li għandna napplikaw biex jiġu restawrati l-istatwa ta' San Pawl fi Triq il-Parroċċa, u xi statwa oħra li hu lest li jidentifika aktar 'il quddiem. Huwa ippropona wkoll li jiġi kkuntatjat il-perit Julian Borg biex iħejji l-estimi tax-xogħolijiet.

Is-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel unanimament.

## 4.2 Un/loading bay fi Triq Profs Nerik Vassallo

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva kommunikazzjoni mingħand is-sur Josie Brincat minn Transport Malta fejn indika li un/loading bay quddiem hairdresser kienet saret mingħajr il-permess ta' TM u għalhekk kellha titneħħa.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jesegwixxi din id-direzzjoni.

# 5. ĊENTRU ĊIVIKU

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fuq il-gwida tas-Sindku, huwa qabbad is-servizz ta' Health & Safety Officer, kif ukoll kien mitlub li jagħmel dan mill-OHSA. L-ispiża mistennija li ma taqbiżx is-somma ta' €1,000. Is-Sindku ippropona li minħabba li dan is-servizz huwa obbligatorju għandna napprovaw dan l-arranġament.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Viċi-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħlijiet ta' fuq huma kważi lesti, għaddej ix-xogħol fuq il-gallerija tal-injam, u s-saqaf tal-bitħa mistenni li jitpoġġa fil-jiem li ġejjin.

Hemm xogħlijiet oħrajn li jridu jsiru fuq il-bejt, kif mistenni wkoll jibda t-twaħħil tal-madum u t-tikħil fil-parti ta' isfel. Fil-kmamar tal-berġa u tas-Servizzi Soċjali minflok tikħil u żebgħa mistennija li jitwaħħlu *boards* tal-*gypsium* minħabba l-umdità.

Il-Viċi-Sindku kompla jgħid li jixtieq jirreġistra l-fatt li għandu diffikultà kbira mal-kuntrattur li qed iwaħħal is-saqaf minħabba li kien ilu jinsisti miegħu biex iżomm mad-*deadlines* miftehma. Stqarr li jekk sas-seduta li jmiss ma jkunx irregolarizza s-sitwazzjoni, ma jkunx hemm għażla ħlief li jipproponi lill-Kunsill biex jimponi l-multi kif preskritti fil-kuntratt tax-xogħlijiet.

# 6 TENDERS

## 6.1 Supply of pedestal for monument

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienu daħlu żewġ offerti dik, ta' AF Ellis għal prezz ta' €5,310 u ta' Agius Stone Wokrs għall-prezz ta' €6,353. Madankollu l-offerta ta' Ellis ma kinitx tinkorpora l-garanzija bankarja u dokumenti oħrajn rikjesti.

Is-Sindku qal li ma kienx hemm triq oħra ħlief li jipproponi li t-tender jingħata lill-Agius Marble Works. Il-Viċi-Sinku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.2 Koptasin Kuntratt Traffic Signs LCS 20/10 -**
Is-Segretarku Eżekuttiv qal li kien bagħat it-tieni *default letter* lill-Koptasin minħabba d-dewmien fit-twettiq tax-xogħlijiet.

# 7 HWEJJEĠ OHRA

**7.1 Xogħlijiet fi Triq Mons Mikiel Azzopardi**
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Enemalta kienet qed tibni substation taħt il-livel tal-imsemmija triq. Dan ifisser li jridu jgħaddu *cable* mill-Pjazza ħdejn il-latrina sas-*substation* il-ġdida. Dan ifisser li trid titħaffer trinka fi Triq il-Qajjied, Pjazza Vittmi tal-Gwerra, Triq Nikola Saura, is-service road ta' Triq Mons Azzopardi u jaqsam din l-istess triq.

Huwa qal li immedjatament waqqaf lill-Bonnici Brothers Group milli jagħtu t-tarmac fi Triq Nikola Saura qabel titlesta din it-trinka. Hu mistenni li sakemm jitlestew il-permessi ta' TM kif ukoll issir it-trinka u jgħaddu l-cable, jgħaddu madwar xagħrejn.

Il-Viċi-Sindku qal li la issa se jintmess il-madum, Pjazza Vittmi tal-Gwerra issir bit-tarmac. Sa seduta oħra s-Segretarju għandu jlesti stima ta' dawn ix-xogħolijiet.

**7.2 Skema ġbir tal-ħġieġ**
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellu l-laqgħa mas-sur Joe Attard tal-GreenMT fejn dan wera x-xewqa li jagħmlu *pilot project* fis-Siġġiewi li jinvolvi l-ġbir tal-iskart tal-ħġieġ mid-djar residenzjali . Dawn (GreenMT) lesti li jagħtu lil kull residenza kontenitur tal-plastic biex jintrefa' l-ħġieġ użat ġo fih. Ir-residenti jkunu jistgħu joħorġu dan il-kontenitur kull nhar ta' Tnejn u jinġabar minn kollettur apposta.

Il-Kunsill qed jintalab biex iqassam il-kontenituri u javża lir-residenti b'din l-iskema. Il-Kunsillier Jesmond Tanti ippropona li għandna naċċettaw din l-iskema. Il-Kunsillier Joe Sammut issekonda u l-Kunsill kollu qabel b'mod unanimu.

**7.3 Derelict Vehicles**
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mill-ilmenti li jidħlu jidher li hemm madwar 12-il vettura mitluqa (derelict vehicles). Hemm proċedura kif il-Kunsill jieħu l-inizjattiva biex ikun jista' jiddisponi minnhom.

Il-Viċi-Sindku ippropona li għandna nipproċedu biex dawn jitneħħew. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**7.4 Reserved Parking ħdejn il-BOV**
Il-Kunsilliera Rita Psaila qalet li kienet saret kaxxa safra ħdejn dan is-sit minħabba raġunijiet umanitarji. Hija qalet li m'għadx hemm il-ħtieġa tiegħu u ipproponiet li jitneħħa. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**7.5 Rivista tal-Kunsill**

Is-SegretarjuEżekuttiv li d-*deadline* tal-artikli huwa sal-31 ta' Jannar, 2012.

Il-Viċi-Sindku qal li rigward iċ-Ċentru Ċiviku għandha ssir rivista speċjali. Il-Kunsillier Jesmond Tanti qal li hu jaqbel li dan għandu jsir bil-kontribuzzjoni ta' kull kunsillier.

**7.6 Triq il-Knisja l-Qadima**

Fuq suġġeriment tal-Viċi-Sindku, il-Kunsillier Jesmond Tanti għandu jkellem lis-Superjur tal-Mużew biex issir laqgħa miegħu ħalli tiġi diskussa s-sitwazzjoni tat-traffiku waqt il-ħinijiet tad-duttrina.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku, il-Perit Robert Musumeci iddikjara din is-seduta magħluqa fit-8:30pm u ippropona li s-Seduta li jmiss titlaqqa' **nhar it-Tnejn, 6 ta' Frar fis-6:00pm** Il-Kunsilliera aċċettaw b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| **Il-Perit Robert Musumeci** | **Is-sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn 6 ta' Frar, 2012**

APPROVAL OF PAYMENTS
Financial year 2011

| DETAILS | DEBIT | CREDIT |
|---|---|---|
| skips | | 1.16 |
| skips | | 1.16 |
| skips | | 2.32 |
| gozo region - les invoice dec11 received 19/1/12 | | 2.33 |
| north region - les invoice dec11 | | 13.98 |
| wsc - trenching dec11 invoice | | 16.31 |
| south eastern region - les invoice dec11 | | 20.96 |
| cranes 3034-3041 | | 20.97 |
| centre region - les invoice dec11 | | 40.76 |
| cranes 3042-3044 | | 51.26 |
| outing 17/12/11 | | 100.00 |
| south region - les invoice dec11 | | 119.96 |
| party 29/12/11 | | 144.00 |
| party 29/12/11 | | 226.50 |
| les dec11 | | 430.07 |
| wsc - trenching reinstatement as per agreement jan-july10 inv2/11 received | | 9700.00 |
| wsc - trenching reinstatement as per agreement jan-dec08 inv1/11 received | | 17100.00 |
| 3d - distribution flyer laqgha pubblika inv3126 | 118.00 | |
| a.aquilina - attendance library dec11 20hrsx5.86 | 117.20 | |
| a.borg - dec11 bonus | 70.36 | |
| akl - performong rights 2012 | 18.00 | |
| alex camilleri - pc dec11 inv55 | 847.43 | |
| alexander borg - opening school lifelong learning oct-dec11 (33hrsx7) | 231.00 | |
| avantech - maintenance photocopier inv150567 | 112.68 | |
| baystreet hotel - outing 30/11/11 inv2674 | 154.00 | |
| callus - planting public spaces dec11 inv1298 | 1452.30 | |
| cassie camilleri - clerikal work saturdays dec11 21hrsx7.2 | 151.20 | |
| cir - dec11 | 1111.12 | |
| cir - dec11 | 199.00 | |
| cir -dec11 | 457.12 | |
| districts - patching dikkiena job347 inv2690 | 232.94 | |
| districts - patching job 608 tal-lawrenti inv2689 | 349.24 | |
| districts - patching job 609 tal-bajjada inv2689 | 318.50 | |
| districts - patching san niklaw job503 inv2689 | 618.01 | |
| districts - patching sqaq in-nadur job525 inv2689 | 793.45 | |
| districts - patching wied hesri job528 inv2689 | 381.01 | |
| districts - patching wied ta manduka job 349 inv2689 | 442.12 | |
| enemalta - demarcation charges 2012 inv1800001828 | 233.00 | |
| grace mizzi - cleaning council premises dec11 | 142.13 | |
| j.cutajar - surveying fee ta l-gholja project inv12 | 250.00 | |
| j.gatt - supervisor of works dec11 | 726.44 | |
| j.marmara - 1 gas cylinder inv488 | 49.50 | |
| j.marmara - 2 gas cylinders inv3018 | 33.00 | |
| joseph borg - opening school lifelong learning oct-dec11 (30hrsx7) | 210.00 | |
| joseph zammit - opening school lifelong learning oct-dec11 (33hrsx7) | 231.00 | |
| kumitat kongunt - les dec11 inv cjc389 | 426.19 | |
| m.muscat - dec11 bonus | 135.10 | |
| marica vassallo - administration of influenza vaccine | 131.75 | |
| mayor honoraria dec11 | 596.50 | |
| mayor honoraria nov11 | 596.50 | |
| michael schembri - opening school lifelong learning oct-dec11 (33hrsx7) | 231.00 | |
| milord - cleaning non urban dec11 inv264 | 3753.46 | |
| mk leisure - outing 17/12/2011 inv4990 | 725.00 | |
| n.baldacchino - dec11 bonus | 135.10 | |
| n.baldacchino - jan11 | 94.00 | |

APPROVAL OF PAYMENTS
Financial year 2011

| | | |
|---|---|---|
| n.gatt - updating website dec11 inv16 | 60.00 | |
| nick's ironmongery - operating materials inv303 | 109.82 | |
| nvc - operating materials inv4913 festuni milied | 18.40 | |
| nvc - operating materials inv4914 po100/11 | 120.31 | |
| nvc - operating materials inv4915 po102/11 | 120.87 | |
| nvc - operating materials inv4916 po105/11 | 5.25 | |
| nvc - operating materials inv4917 po115/11 | 97.66 | |
| nvc - operating materials inv4918 | 11.90 | |
| nvc - operating materials inv4919 po118/11 | 5.85 | |
| pavi - milk inv228445 (to pay ritienne) | 11.87 | |
| piscopo gardens - olive trees x 10, 2 pots po109/11 | 439.00 | |